MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tas-26 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 1326/1999/1

**Mark Duffy**

**vs**

**Medivet Ltd C10941**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex is-socjeta konvenuta tghid il-ghaliex ma' ghandhiex tkun ikkundannata li thallas lill-istess attur is-somma ta' hames mija, wiehed u hamsin lira Maltin (Lm551) rapprezentanti bonuses dovuti u mhux imhallsa lill-istess, oltre kull somma ohra li jista' jkun intitolat ghaliha, in konsegwenza tar-relazzjoni ta' impjieg bejn il-partijiet u tat-terminazzjoni

ta’ l-istess, u liema somma s-socjeta’ konvenuta giet unitilment interpellata sabiex thallas.

Bl-imghax legali sad-data ta’ l-effettiv pagament; bl-ispejjez,inkluzi dawk ta’ l-istess ittra ufficjali prezentata fis-6 ta’ Mejju u notifikata fl-4 ta’ Lulju 1999, kif ukoll tal-mandat ta’ sekwestru fl-istess ismijiet Numru 2044/99, u bir-rizerva ta’ kull dritt fil-Ligi.

Is-socjeta’ konvenuta giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonjiet tas-socjeta’ konvenuta (fol 4 tal-itsess atti) u li biha eccepiet:

1. In linea preliminari, l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-Art. 2147 © tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

2. Ukoll in linea preliminari, bla pregudizzju ghall-premess, l-azzjoni tal-attur hija preskritta a tenur tal-Art 2148 (d) tal-kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta.

3. Bla pregudizzju ghall-premess u fil-mertu, it-talba tal-attur hija infondata fil-fatt u fid-dritt stante li l-attur ma ghandu ebda kreditu kontra s-socjeta’ eccipjenti naxxenti mill-impieg tieghu maghha, liema impieg tal-attur intemm fit-30 ta’April 1999.

4. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mill-ligi.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni kif ukoll rat in-nota ta’ referenzi sottomessa mill-attur in konnessjoni mal-eccezzjonijiet sollevati in rigward preskrizzjoni (fol 54 tal-istess atti).

Ikkunsidrat.

Illi, kif jidher mill-verbal a fol 53 tal-atti ‘Il-partijiet jaqblu li l-Qorti tiddeciedi kemm dwar l-eccezzjoni tal-preskrizzjoni kemm fuq il-meritu’.

Illi, l-Qorti, ghalhekk l-ewwel, ser tiddeciedi l-ewwel zewg eccezzjonijiet kif sottomessi mis-socjeta' konvenuta a basi tal-artikoli 2147© u 2148 (d) tal-Kodici Civili u sussegwentement, jekk jkun il-kaz, tiddeciedi l-meritu ta'din il-kawza (ara l-artikolu 730 tal-Kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat.

Illi l-artikoli hawn fuq citati jistipulaw li 'l-azzjonijiet' tas-sefturi jew persuni ohra mhallsin bix-xahar, tal-artigjani jew tal-haddiema bil-gurnata …..' huma preskritti bl-gheluq ta' <u>sena</u> waqt li 'l-azzjonijiet ta' dawk imhallsin bis-sena' ghall-hlas tas-salarju taghhom huma estinti bl-gheluq ta' tmintax il-xahar.

Illi l-<u>attur</u> (fol 8, fol 12 u fol 24 tal-istess atti) xehed li hu kien impjegat mas-socjeta' konvenuta bhala 'dishwasher' u ta' dan ix-xoghol 'Kont nithallas <u>kull gimgha'</u> u 'Nikkonferma li jiena kont nithallas <u>darba fil-gimgha</u> bi flus kontanti'.

Illi t-talba in esami tinsab dettaljata a fol 9 u a fol 10 tal-atti u minn dan id-dokument jidher li l-attur qed jitlob il-hlas ta' 'bonuses' ghall-perjodu kollu tal-impieg tieghu ammontanti ghal Lm551 kif ukoll hlas ta' paga ta' tlett gimghat netti bir-rata ta' Lm90 fil-gimgha netti u hlas proporzjonali ta' bonus ghal dan il-perijodu b'kollox Lm840.

Illi, dwar dan l-ammont konsistenti f''bonuses' u paga allegatament dovuti ghall-perjodu specifikat fl-istess dokument, ghandu jinghad is-segwenti:

a) L-artikoli hawn fuq citati mill-istess socjeta' konvenuta u li bihom huma basati l-eccezzjonijiet preliminari in esami jirreferu ghal persuni impjegati mhallsin bix-<u>xahar</u> jew haddiema <u>bil-gurnata</u> jew dawk mhallsin <u> bis-sena'</u>. Bhala fatt, irrisulta li effettivament l-attur kien jithallas <u>kull gimgha</u>. Ghalhekk jidher evidenti li l-attur jappartjeni lil kategorija ta' impjegati li ma jinkwadrawx ruhhom fl-artikoli citati, li fil-fehma tal-Qorti jridu jigu interpretati ristrettivament. Bhala konsegwenza

jidher evidenti li t-talba in konnessjoni ma paga allegatament mhux imhallsa ghall perjodu bejn id-9 ta' April 1999 u t-30 ta' April tal-istess sena, ma hix preskritta.

b) It-talba rimanenti tirreferi ghal hlas, erba' darbiet fis-sena', ta' bonus' skond il-Kapitolu 135 tal-Ligijiet ta' Malta. In rigward dan, il-Qorti hi tal-fehma li hlas ta' bonus jekwivali ghal hlas ta' salarju jew paga 'extra'. Difatti fl-artikolu 2(1) tal-Kapitolu citat 'paga' inghatat it-tifsira ta' 'rinumerazzjoni jew qliegh li jithallas minn pricipal lill-impjegat u tinkludi kull bonus li ghandu jithallas skond l-artikolu 29 ta' dan l-att'. Skond l-ahhar artikolu citat hlas 'in parte' ta' bonus jigi kalkolat 'dietim' ossija '… fuq in-numru ta' granet…' Ghalhekk jidher li dak kollu premess 'supra' fil-paragrafu a) hu applikabbli ukoll in konnessjoni ma l-allegat hlas ta' 'bonus' u b'hekk l-artikoli citati in konnessjoni mal-istess eccezzjonijiet ma humiex applikabbli fil-kaz in desamina.

Illi, bhala konsegwenza, l-eccezzjonijiet preliminari in esami ghandhom jigu michuda minghajr ma hemm il-htiega da parti tal-Qorti sabiex tindaga jekk kasijiet bhal dawk in desamina mhumiex preskrivibbli o meno jew jekk humiex soggetti ghall-perjodu ta' preskrizzjoni ta' hames snin (ara l-imsemmija nota ta' referenzi a fol 54 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, fil-meritu, jidher li l-impjieg 'full time' tal-attur mal-istess socjeta konvenuta beda fis-6 ta' Jannar 1997 u ntemm fit-30 ta' April 1999. In konnessjoni ma dan, kif di gja inghad, l-istess attur qed jippretendi l-hlas ta' dak kollu elenkat u dettaljat a fol 9 u fol 10 tal-atti (ara fol 8, fol 12 u fol 24 ibid). Ta' min jinnota li a fol 10 hemm specifikat li l-attur kellu paga ta' Lm90 fi-gimgha netti waqt li meta xehed a fol 25, l-istess attur qal 'Jidhirli xi Lm55 fil-gimgha' ossija 'Jiena kont dejjem nithallas il-'minimum wage'.

Illi Yvonne Cassone (fol 26 et seq ibid) iz-zija tal-istess attur u, fl-istess waqt involuta fil-gestjoni tar-'restaurant' fejn kien jahdem l-attur, sostniet li l-attur kien jithallas, generalment fi flus kontanti. Lm90 fil-gimgha ossija Lm75

bhala paga ‘u l-kumplament kien kopri l-‘bonus’ u affarijiet ohra’. Inoltre hi kompliet tghid li s-socjeta’ konvenuta kienet thallas is-sigurta socjali ossija ‘il-bolla’ minghajr ma tnaqqas mill-paga mhallsa lill-attur. Hi spiccat biex tghid ‘ …. Is-socjeta’ konvenuta ma ghandha l-ebda pendenza dovuta lill-attur anzi fi kliemi stess ‘anzi’ ‘.

Illi gie prodott, ukoll Hermann Depasquale (fol 44 et seq ibid) li kien involut, bi shab fl-istess stabbilment esebixxa d-dokumenti in rigward pagamenti li saru lill-attur matul l-impjeg tieghu (fol 46A). Fl-istess dokumenti, jinsabu elenkati, b’mod dettaljat il-pagamenti kollha li saru lill-attur mill-bidu sat-tmiem tal-impjeg tieghu u dan permess tal-formoli ‘FSS’ sottomessi lid-Dipartiment tat-Taxxi Interni kemm fis-sena kemm fix-xahar. Fl-istess dokument hemm dikjarati xi paga ‘gross’ li kien jithallas kull gimgha l-istess attur, il-‘bonuses’ kollha li thallsu kif ukoll l-hlas li kien sar vis-à-vis is-sigurta socjali. In rigward l-istess attur kien obliga ruhu ‘li jekk isibhom (b’referenzi ghall-formoli ‘P3’ moghtija lilu mis-socjeta konvenuta) f’seduta ohra nesibihom’ in vista illi ‘Gieli kienu jaghtuni il-P3. Suppost li kopja tal-P3 li inghatat qeghdin ghandi u (fol 24 ibid). Pero dan filfatt ma sarx mill-attur.

Ikkunsidrat

Illi wara li qieset dak kollu premess, il-Qorti, hi propensa sabiex tikkonkludi li l-attur ma ippruvax, sufficjentement, dak allegat minnu fl-istess avviz. Filfatt jidher li s-socjeta konvenuta ikkontestat anke l-allegazzjoni maghmula mill-attur dwar kemm kienet il-paga settimanali li kellha tithallas lill-attur. Sfortunatament f’dan l-kaz bhal f’kazijiet ohrajn il-ftehim kien verbali biss. Bhala konsegwenza ta’ dan, ma ingiebet ebda prova certa da parti tal-attur dwar kemm kienet, fuq bazi ta’ probabilita, il-paga dovuta lill-istess attur, ta’ minn jinnota li matul l-impjieg tieghu kollu l-attur ma jidhirx li, effettivament, ikkontesta il-pagamenti li kienu jsirulu settimanalment jew li lmenta mal-istess socjeta’ konvenuta illi ma kienx qed jithallas il-‘bonus’ dovut lilu skond il-ligi ‘in materia’. Ghalhekk il-konkuzjoni trid tkun li dak allegat mill-attur ma giex pruvat

sufficjentement skond il-ligi (ara l-artikoli 562 tal-kapitolu 12 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ikkunsidrat

Illi, minhabba dak premess, it-talbiet attrici, ghandhom jigu michuda.

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet sollevati mill-istess socjeta konvenuta in rigward il-preskrizzjoni o meno tal-azzjoni in esami, tichad, ukoll, it-talbiet attrici.  In rigward l-ispejjes, kull parti, fic-cirkostanzi ta' dan il-kaz, ghandha thallas l-ispejjes taghha.

--------------------------------TMIEM--------------------------------